NATIONAL BOWELCANCER SCREENING PROGRAM

Australian Government

<Date> Numru ta’ l-Identità <Consumer ID>

<Participant Given Name> < Participant Family Name >
<Preferred Mailing Address>
<Preferred Mailing Address >
<LOCALITY> <STATE> <POSTCODE>

Għażiż/a <Participant Given Name> < Participant Family Name >

Nixtieq nistiednek biex tieħu sehem fil-Programm Nazzjonali ta’ l-Iskrining tal-Kanċer fil-l-Musrana.

Pakkett tat-test bi ktejjeb ta’ l-istruzzjonijiet u t-tagħrif huwa inkluż ma’ din l-ittra. Jekk jogħġbok ħu l-ħin biex taqrahom.

It-test huwa bla ħlas u biex tagħmlu tieħu biss ħames minuti f’darbtejn differenti.

Il-ktejjeb ta’ l-informazzjoni jagħti iktar tagħrif dwar it-test. Biex tieħu sehem, tiġbor kampjuni minn żewg episodji ta’ l-ippurgar billi ssegwi l-istruzzjonijiet tal-pakkett. Inti għandek:

- terfa’ l-pakkett f’post frisk kemm qabel kif ukoll wara l-ġbir tal-kampjuni;
- tlesti t-test **mill-aktar fis possibbli;**
- timla l-**Formola bid-Dettalji tal-Parteċipant/a**
- tibgħat iż-żewġ kampjuni tegħek flimkien mal-Formola bid-Dettalji tal-Parteċipant/a
- lil-laboratorju tal-patoloġija billi tuża l-invilops bil-posta mħallsa li ssib fil-pakkett.

Il-laboratorju tal-patoloġija janalizza l-kampjuni u jekk jinstab id-demm (magħruf bħala riżultat pożittiv tat-test) tkun mitlub/a tara t-tabib tiegħek biex titkellmu dwar ir-riżultat. **Riżultat pożittiv ma jfissirx li għandek il-kanċer fil-musrana.** Ifisser biss li jkun instab id-demm fl-ippurgar tiegħek u li għandek tara lit-tabib tiegħek dwar testijiet oħra biex tinstab il-kawża tad-dmija. Il-biċċa l-kbira tan-nies b’riżultat pożittiv tat-test ma jkollhomx kanċer fil-musrana.

Il-kanċer fil-musrana jista’ jiżviluppa bi ftit, jew bl-ebda, sinjali bikrin ta’ twissija. Għalhekk huwa daqshekk importanti li tagħmel dan it-test. Madankollu, jekk għandek xi sintomi milli hemm fil-ktejjeb tat-tagħrif għandek tara lit-tabib tiegħek. L-istess, jekk għandek storja sinjifikanti ta’ kanċer fil-musrana fil-familja, għandek ukoll titkellem mat-tabib tiegħek mill-aktar fis possibbli.

Nittama li tiddeċidi li tieħu sehem f’dan il-programm importanti. Jekk ma tridx tieħu sehem, jekk jogħġbok imla l-Formola ta’ Għażla-Negattiva/Sospensjoni li qegħda fin-naħa ta’ wara tal-ktejjeb tat-tagħrif. Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar il-kit tat-test jew il-Programm, jekk jogħġbok ċempel l-Linja ta’ l-Informazzjoni fuq **1800 118 868** matul il-ħinijiet tax-xogħol jew tkellem mat-tabib tiegħek.

Għoddni tiegħek

**Professor John Horvath OA**
**Uffiċjal Mediku Prinċipali**

NBCSR C001